**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Elliott Magro)**

**vs**

**Allan Grima**

**Kumpilazzjoni numru 67/2017**

**Illum 13 ta' Frar, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Allan Grima** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 115783 (M) billi huwa akkuzat talli matul il-lejl ta' bejn il-11 u t-12 ta' Frar, 2017 fil-lokalitajiet tal-Hamrun u l-Marsa, b'diversi atti magħmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-Liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:

1. bil-ħsieb li jagħmel delitt li ma ġiex ezegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħu, ta` bidu għall-ezeukkuzjoni sabiex jikkommeti serq minn gewwa vettura ta' l-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni BAB-738, li kienet ipparkjata gewwa Triq San Gorg Preca, Hamrun, liema serq huwa aggravat bil- mezz, bil- ħin,bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa;

u dan bi ksur ta' l-artikoli 41 (1) (a), 261, 263, 267, 270, 271 u 278 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. u aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament ħassart, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobli, liema ħsara ma tiskorrix mitejn u hamsin ewro (250) izda tiskorri tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29) il- mitejn u hamsin ewro (250) u dan fuq vettura ta' l-ghamla Peugeot bin-numru tar-registrazzjoni BAB-738 għad-dannu ta` Patrick Muscat u/jew persuni ohra; u dan bi ksur ta' l-artikolu 325 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. u aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, bil-ħsieb li jagħmel delitt li ma ġiex ezegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħu, ta` bidu għall-ezeukkuzjoni sabiex jikkommeti serq minn gewwa vettura ta' l-ghamla Citroen bin-numru tar-registrazzjoni JQZ-125, li kienet ipparkjata gewwa Triq it-Tigrija, Marsa, liema serq huwa aggravat bil- mezz, bil- ħin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa; u dan bi ksur ta' l-artikoli 41 (1) (a), 261, 263, 267, 270, 271 u 278 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

4. u aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobli, liema ħsara ma tiskorrix mitejn u hamsin ewro (250) izda tiskorri tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29) il-mitejn u hamsin ewro (250) u dan fuq vettura ta' l-ghamla Citroen bin-numru tar-registrazzjoni JQZ-125 għad-dannu ta` Mario Gauci u/jew persuni ohra; u dan bi ksur ta' l-artikolu 325 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

5. u aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, bil-ħsieb li jagħmel delitt li ma ġiex ezegwit minħabba xi ħaga aċċidentali u indipendenti mill-volonta tiegħu, ta` bidu għall-ezeukkuzjoni sabiex jikkommeti serq minn gewwa vettura ta' l-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni CCC-915, li kienet ipparkjata gewwa Triq it-Tigrija, Marsa, liema serq huwa aggravat bil- mezz, bil- ħin, bil-valur u bix-xorta tal-haga misruqa; u dan bi ksur ta' l-artikoli

41 (1) (a), 261, 263, 267, 270, 271 u 278 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

6. u aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament ħassar, għamel ħsara jew għarraq ħwejjeg ħaddiehor, mobbli jew immobli, liema ħsara ma tiskorrix mitejn u hamsin ewro (250) izda tiskorri tlieta u ghoxrin ewro u disgha u ghoxrin centezmu (23.29) il-mitejn u hamsin ewro (250) u dan fuq vettura ta' l-ghamla Toyota bin-numru tar-registrazzjoni CCC-915 għad-dannu ta` Joseph Camilleri u/jew persuni ohra; u dan bi ksur ta' l-artikolu 325 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. u aktar talli fl-istess data u lok u cirkostanzi, ikommetta serq ta' flus f'kontanti u cioe' mitt (100) euro, kif ukoll nuccali b'valur ta' tlett mitt (300) euro, licenzja tas-sewqan u karta ta' l-identita',minn gewwa vettura tal-ghamla Fiat Fiorino bin-numru ta' registrazzjoni KQZ-486 liema serq li huwa ikkwalifikat bil-mezz, bil-valur bix-xorta tal-haga misruqa kif ukoll bil-hin sar ghad-detriment ta' Gian Casey Charles Tonna u /jew persuni ohra; u dan bi ksur ta' l-artikoli 261, 263, 267, 270, 271 u 278 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
8. u aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura tal-ghamla Fiat Fiorino bin-numru ta' registrazzjoni KQZ-486, liema hsarat ma jiskorrux l-ammont ta'Ewro mitejn u hamsin (250) li saret ghad-dannu ta' Gian Casey Charles Tonna u/jew persuni ohra.; u dan bi ksur ta' l-artikolu 325 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
9. u aktar talli fl-istess data u lok u cirkostanzi, ikommetta serq ta' diversi oggetti b'valur ta' mija hamsa u sittin (165) euro kif ukoll karta ta' l-identita' minn gewwa vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni CBX-604 liema serq li huwa ikkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa kif ukoll bil-hin sar ghad-detriment ta' Andre' Spiteri u /jew persuni ohra; u dan bi ksur ta' l-artikoli 261, 263, 270, 271 u 278 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
10. u aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew

immobbli, u cioe' vettura tal-ghamla Peugeot bin-numru ta' registrazzjoni CBX-604 li saret ghad-detriment ta' Andre' Spiteri u /jew persuni ohra; u dan bi ksur ta' l-artikolu 325 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar nhar it-12 ta` Frar, 2017 għall-habta tas- saghtejn ta` wara nofsinhar gewwa Triq Schembri, Hamrun:

**11.** ikommetta serq ta' diversi oggetti b'valur ta'mitejn u tletin (230) euro, minn gewwa vettura tal-ghamla Renault bin-numru ta' registrazzjoni SKT-141 liema serq li huwa ikkwalifikat bil-mezz u bix-xorta tal-haga misruqa sar ghad-detriment ta' Aaron Sammut u /jew persuni ohra; u dan bi ksur ta' l-artikoli 261, 263, 271 u 278 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**12.** u aktar talli fl-istess data, hin, lok, u cirkostanzi, volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, u cioe' vettura tal-ghamla Renault bin-numru ta' registrazzjoni SKT-141 li saret ghad-detriment ta' Aaron Sammut u /jew persuni ohra; u dan bi ksur ta' l-artikolu 325 (1) (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

**13.** u aktar talli fl-istess data u lok u cirkostanzi Kiser il-Liberta' Provizorja billi naqas milli jhares kundizzjoni li giet imposta fuqu mill-Qorti tal-Magistrati (Malta), Magistrat Dr. A Bugeja. LL.D fid-digriet taghha datat 3 ta' Frar, 2017 li bih l-akkuzat kellu ma jikkommettix delitt iehor ta' natura volontarja waqt li jkun mehlus mill- arrest.

Il-Qorti giet gentilment mitluba titratta ma Allan Grima bhala recidiv ta' sentenzi moghtija lilhu mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru defenittivi u ma jistghux jinbidlu u dan ai termini ta' Artikolu 49, 50 u 289 ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-piena stabbilita mill-ligi, tordna lill-imsemmi persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandom x'jaqsmu mal-hatra ra l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif pruvat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ikkunsidrat;**

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien li jikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

L-imputat talab skuza ghal dak li wettaq u jiddikjara li jiddispjacih ghall-akkadut.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena fejn kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza dwar il-piena.

**Ikkunsidrat;**

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

Il-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal Papa Frangisku fil-laqgha mal-Prigunieri tas-6 ta' Novembru 2016 fl-okkazjoni tal-Gublew tal-Hniena:

> *Sometimes, a certain hypocrisy leads to people considering you only as wrongdoers, for whom prison is the sole answer. We don't think about the possibility that people can change their lives; we put little trust in rehabilitation. But in this way we forget that we are all sinners and often, without being aware of it, we too are prisoners. At times we are locked up within our own prejudices or enslaved to the idols of a false sense of wellbeing. At times we get stuck in our own ideologies or absolutize the laws of the market even as they crush other people. At such times, we imprison ourselves behind the walls of individualism and self-sufficiency, deprived of the truth that sets us free. Pointing the finger against someone who has made mistakes cannot become an alibi for concealing our own contradictions.*

Rat dak li ntqal fil-ftuħ tas-Sena Forensi dwar il-vittmi ta' reat, li minħabba l-kefrija ta' ħaddieħor, jitneżżgħu mid-dinjità:

> *Intom, fix-xogħol tagħkom - kemm imħallfin, kemm maġistrati, kemm avukati, prokuraturi legali - tiltaqgħu ma' tant sitwazzjonijiet umani - mhux biss fil-kriminal imma anke fiċ-ċivil - fejn in-nies jiġu għall-ġustizzja għax huma vittmi tar-regħba, tal-aggressjoni, tal-vjolenza, tal-kefrija ta' ħaddieħor. Dawn jiġu quddiemkom imneżża mid-dinjità, jitkarrbu biex xi ħadd jagħtihom l-għajnuna*[1].

**Decide:**

Ghaldaqstant, il-Qorti, issib lill-imputat hati tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah piena ta' sena habs li minnha ghandu jitnaqqas iz-zmien li ghamel taht arrest preventiv.

[1] Arċisqof Charles J. Scicluna nhar it-Tnejn 3 ta' Ottubru 2016

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita′ Korrettiva ta′ Kordin biex il-hati jinghata l-ghajnuna kollha  u t-trattament mehtieg.

**DR JOSEPH MIFSUD**
**MAGISTRAT**